MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1060/2012

**Judas Taddeus *sive* Jude Cassar**

**-vs-**

**David Gauci f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Omnitec Ltd (C-16585)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 t'Ottubru 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi r-rikorrent huwa proprjetarju tal-fond numru 7, Birżebbugia Road, Birżebbugia.

Illi permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni datat 27 ta' Lulju 2009, is-soċjeta' intimata daħlet fil-kirja tal-fond numru 7, Birżebbugia Road, Birżebbugia u dana versu l-kera u bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm kontenut;

Illi skond il-fuq imsemmi kuntratt lokatizju l-intimat David Gauci fil-kapaċita' tiegħu personali kkostitwixxa ruħu garanti flimkien u *in solidum* mas-soċjeta' intimata Omnitec Limited għall-adempiment tal-obbligi kollha kontenuti fl-imsemmi kuntratt:

Illi l-intimati naqsu li tħallsu l-kera ta' €1,275 għax-xhur bejn Mejju 2012 u Lulju 2012 u baqgħu hekk inadempjenti minkejja li ġew debitament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali ddatata 20 ta' Awissu 2012 liema ittra uffiċjali ntbagħtet taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi tal-Kapitoli 12;

Illi l-istess intimati baqgħu wkoll morużi fil-ħlas tal-kera ta' €1,275 għall-perjodu bejn Awissu 2012 u Ottubru 2012;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* tal-artikolu 167 ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata ddekadiet mill-obbligu tagħha ta' ħlas puntwali tal-kera, u għalhekk konsegwentement tiddikjara terminata l-kuntratt ta' lokazzjoni in kwistjoni, u ċjoe dak datat 27 ta' Lulju 2009; u

3. Tordna l-iżgumbrament tal-istess soċjeta' intimata mill-fond in kwistjoni fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss lilha minn din is-Qorti; u

4. Tordna u tikkundanna lill-intimati flimkien u solidament bejniethom iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' elfejn, ħames mija u ħamsin Ewro (€2,550) rappreżentanti l-kera li skadiet, u ċjoe' għax-xhur bejn Mejju 2012 sa Lulju 2012 u bejn Awissu 2012 u Ottubru 2012.

Bl-interessi u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 t'Awissu 2012, kontra l-intimati li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Jannar 2013 li permezz tiegħu l-konvenut ġie awtoriżżat jikkontesta l-kawża;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut David Gauci ppreżentata fl-10 ta’ Diċembru 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament jiġi rilevat li l-esponenti ġew awtoriżżati jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom waqt is-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Novembru 2012 u konsegwentement l-ewwel talba tar-rikorrent ma ġietx milqugħa;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni talba u ċjoe’ dik relatata mad-dekadenza ta’ ħlas puntwali ta’ kera, r-rikorrenti jirrispinġu tali allegazzjoni u pretensjoni fil-konfront tagħha bħala indondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-ebda ammont m’huwa dovut. Għalhekk anke r-raba’ talba għandha tiġi miċħuda;

Illi *di piu’* l-esponent David Gauci talab lir-rikorrent *tramite* terzi sabiex jiffirma dokument tat-terminazzjoni tal-kirja iżda r-rikorrent irrifjuta li jiffirma tali dokument u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jirrigwarda t-tielet talba, u ċjoe’ dik relatata mat-talba ta’ żgumbrament mill-fond in kwistjoni, l-esponenti jiddikjaraw li ilhom li vvakaw minn tali fond għal diversi xhur, preċiżament fi Frar tas-sena 2012. Barra minn hekk, iċ-ċavetta relattiva għall-istess fond ingħatat lura lir-rikorrent u għalhekk l-esponenti umilment jirrilevaw li t-tielet talba hija diġa’ sorvolata;

Illi għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat in-nota ta’ riduzzjoni preżentata mill-attur fil-11 ta’ Jannar 2013 li permezz tagħha rriduċa r-raba’ talba minn elfejn, ħames mija u ħamsin Ewro (€2,550) għal elf, mitejn u ħamsa u sebgħin Ewro (€1,275);

Rat illi l-intimat irritorna ċ-ċwievet tal-fond lill-attur skond il-verbal tal-istess ġuranata (11 ta’ Jannar 2013);

Semgħet lill-avukati;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 t’April 2013 li fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut kien moruż fil-ħlas tal-kera u effettivament illum għandu jagħti lill-attur is-somma ta’ elf, mitejn u ħamsa u sebgħin Ewro (€1,275);

Illi m’hemmx dubju lanqas li l-kawża kellha ssir minħabba l-inadempjenza tiegħu u allura għandu jħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża;

**DEĊIŻJONI**
**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi:**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba minħabba d-digriet tal-11 ta’ Jannar 2013;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba *stante* l-verbal tal-istess data;**

**3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba wkoll *stante* l-verbal imsemmi;**

**4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ elf, mitejn u ħamsa u sebgħin Ewro (€1,275) lill-attur;**

**Bl-imgħaxijiet legali kif mitluba u l-ispejjeż kollha a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------